# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Distrett Naxxar**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Victor Bonavia**

**Illum, 17 ta' Frar, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet mahruga kontra Victor Bonavia bil-karta tal-identità 268682M, li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar l-Erbgha 6/12/2017, u/jew fil-granet jew ix-xhur ta' qabel dawn, f'diversi hinijiet, gewwa garaxx fond numru 246, Triq il-Forga, Naxxar,

> *"1. Meta d-diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess disposizzjoni tal-ligi u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda*
>
> *2. U aktar talli nhar l-Erbgha is-6/12/2017 u/jew fil-granet jew ix-xhur ta' qabel dan f'diversi hinijiet, fl-istess lok, gibt ruhek b'tali mod li tajt fastidju lil Sharon Gobey u Mark (Mark Anthony) Stagno, u b'mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghal Sharon Gobey u Mark (Mark Anthony) Stagno*

*3. U aktar talli nhar l-Erbgha is-6/12/2017 u/jew fil-granet jew ix-xhur ta' qabel dan f'diversi hinijiet, fl-istess cirkostanzi, volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjar u storbju.*

*4. U aktar talli nhar l-Erbgha is-6/12/2017 u/jew fil-granet jew ix-xhur ta' qabel dan f'diversi hinijiet, fl-istess cirkostanzi, gewwa garaxx fond numru 246, Triq il-Forga, Naxxar, haddimt jew gieghelt jew ippermettejt li jithaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew appart iehor simili, jew gieghelt jew ippermettejt li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li dejqu lil Sharon Gobey u Mark (Mark Anthony) Stagno li joqghodu f'bini fil-qrib.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' hrija minbarra li tinfligi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi prodotti;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza u l-atti tal-kawza Pulizija vs Sharon Gobey u Mark Stagno;

**Ikkunsidrat;**

**Provi Prodotti**

In succint, dawn huma l-provi li nstemghu f'din il-kawza u fil-kawza Pulizija vs Sharon Gobey u Mark Stagno.

**PS 1021 Christian Cauchi** pprezenta affidavit fejn spjega li fis-6 ta' Dicembru 2017, ghal habta ta' 9.00 ta' filghaxija, Mark Stagno pprezenta kwerela minhabba l-fatt li

biswit fejn joqghod, hemm garaxx li jappartjeni lil Paul Bonavia, u li fih Victor Bonavia qieghed kontinwament jiwweldja, jiccippja u jiggrindja. Spjega li dan stqarr li Bonavia qed jikkawza sorbju u fastidju ghalih u ghal Sharon Gobey. Sostna li l-kwerelant qal li l-irwejjah qed jidhlu fil-post taghhom. Sostna li l-kwerelant qal li fl-20 ta' Novembru 2017, fl-16.30hrs, Bonavia startja t-trakk gol-garaxx, u hallih startjat ghal xi hin, sabiex l-exhaust jidhol fix-xaft. Spjega li Stagno qaghad jiftah u jaghlaq il-bieb tal-garaxx u jidhak.

Kompla jixhed li fit-28 ta' Novembru 2017, Sharon Gobey irraportat dwar kwistjoni simili, izda kienet ghazlet li ma jittiehdux proceduri kriminali. Spjega li fit-8 ta' Dicmebru 2017, ghal habta ta' 11.45 hrs, gie mitkellem Victor Bonavia, li cahad l-akkuzi, u qal li l-garaxx in kwistjoni, jintuza biex idahhal u johrog il-bowser li jaghmel uzu minnu hu stess. Spjega li fid-19 ta' Dicembru 2017, huwa wettaq spezzjoni ghal gharrieda gewwa l-garaxx, fejn gie stabbilit li gol-garaxx, kien hemm ipparkjat il-bowser, u fir-rampa tal-garaxx, kien hemm ipparkjata vettura tal-ghamla Opel, li tappartjeni lil missier Victor Bonavia. Sostna li matul l-ispezzjoni, ma giex innotat li Victor Bonavia kien qed jahdem gewwa l-garaxx.

**WPC 174 Silvana Bella** xehdet b'affidavit, fejn qalet li fit-18 ta' Mejju 2018, ghal habta ta' 2.00 ta' wara nofsinhar, Sharon Gobey ghamlet rapport, li meta rritornat lura d-dar, xammet riha qawwija ta' exhaust, u li din ir-riha kienet gejja mill-garaxx ta' Paul Bonavia, liema garaxx jintuza minn Victor Bonavia. Sostniet li din qalet li Bonavia johrog bil-bowser, u qabel johrog, ihalli l-bowser jirrejzja, bil-konsegwenza li jifga x-xaft bl-exhaust. Spjegat li meta gie mitkellem, Bonavia sostna li huwa kien hareg ghal habta ta' 12.30hrs, u qabel johrog, bilfors irid ihalli t-trakk startjat. Spjegat li dan cahad li rrejsza t-trakk.

Sostniet li ftit jiem wara, intbaghat kwerela kontra Sharon Gobey u Mark Stagno ghan-nom ta' Victor u Paul Bonavia.

**PC 1151 C Gatt** xehed b'affidavit, fejn qal li fit-18 ta' Mejju 2018, ghal habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, huwa mar ma' PC 787 gewwa residenza, 244, Triq il-Forga Naxxar, peress li kien hemm rapport li kien hemm riha qawwija ta' exhaust. Spjega li Sharon Gobey fethet il-bieb, u stqarret li kienet ghamlet rapport, u li r-riha kienet naqset hafna dak il-hin. Sostna li meta saret l-ispezzjoni, ma kienx hemm riha ta' exhaust. Huwa spjega li gew murija xi filmat mehud minn CCTV, u gie nnotat li kien hemm cameras fil-faccata tar-residenza, li jaghtu fuq il-parapett ta' Gobey, mentri kien hemm camera ohra fix-xaft li skont Gobey, huwa proprjetà komuni bejnha u bejn Victor Bonavia. Sostna li sussegwentement, intbaghtet kwerela ghan-nom ta' Victor Bonavia.

**PC 787 C Vella** xehed li fit-18 ta' Mejju 2018, ghal habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, huwa acceda r-residenza, 244, Triq il-Forga, Naxxar, peress li kien hemm rapport li kien hemm riha qawwija ta' exhaust. Spjega li Sharon Gobey fethet il-bieb, u stqarret li kienet ghamlet rapport, u li r-riha kienet naqset hafna dak il-hin. Sostna li meta saret l-ispezzjoni, ma kienx hemm riha ta' exhaust. Huwa spjega li hu u l-kollega tieghu, gew murija xi filmat mehud minn CCTV, u gie nnotat li kien hemm cameras fil-faccata tar-residenza li jaghtu fuq il-parapett ta' Gobey, mentri kien hemm camera ohra fis-xaft, li skont Gobey, huwa proprjetà komuni bejnha u bejn Victor Bonavia.

**Sharon Gobey** xehdet li hija toqghod f'244, Triq il-Forga, Naxxar. Spjegat li hija tghix f'*terraced house*, u l-garaxx mhuwiex proprjetà taghha, imma ta' Bonavia. Spjegat li gol-garaxx, jigi pparkjat bowzer tal-ilma. Sostniet li hija tisma' hafna storbju, cekcik, daqqiet ta' mazez u rwejjah fix-xaft. Sostniet li l-irwejjah jkunu ta' spray, welding u ta' hruq. Sostniet li meta kellmuh bil-kelma t-tajba, Bonavia ma tax kaz. Kompliet tghid li l-problema ilha ghaddejja erba' snin, kemm ilhom joqghodu gol-post. Spjegat li l-istorbju jsir f'hinijiet varji matul il-gurnata, anke fil-gurnata tas-Sibt. Spjegat li fl-20 ta' Novembru 2017, Bonavia dahhal trakk u beda jaghmel xi cekcik, imbaghad halla t-trakk startjat gol-garaxx, u ghalaq il-bieb tal-garaxx biex l-exhaust jibqa' hemmhekk. Spjegat li hallih startjat ghal ghaxar minuti.

Kompliet tghid li fit-28 ta' Novembru 2017, Bonavia beda jahdem fil-garaxx fid-9 ta' filghodu, u baqa' hemm sat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Spjegat li xhin marret id-dar, issib irwejjah, u semghet hafna storbju. Fit-30 ta' Novembru 2017, hija spjegat li Bonavia qaghad jiwweldja, isabbat u jaghmel l-istorbju. Insistiet li hija kellmet lil Bonavia diversi drabi, izda dan qatt ma jaghti kaz.

In kontroezami, hija sostniet li l-hinijiet meta jsir l-istorbju, ivarjaw minn filghodu sa wara nofsinhar. Gieli anke dam sas-sitta ta' filghaxija. Ikkonfermat li xi kultant, Bonavia johrog bit-trakk filghodu, u jdahhlu wara nofsinhar. Ikkonfermat li hija rrinunzjat li jittiehdu passi kontra Bonavia dwar ir-rapport 8S2171/2017.

In kontroezami, hija spjegat li tahdem bhala Sales Executive, u titlaq ghax-xoghol fis-sebgha ta' filghodu. Ikkonfermat li Stagno huwa self-employed, u ma ghandux hinijiet fissi. Sostniet li c-CCTV camera tista' taraha minn fuq il-mobile. Sostniet li jista' jkun li waqt xi filmati li gew ezebiti, kienet fuq ix-xoghol.

Sharon Gobey xehdet ukoll li fit-18 ta' Mejju 2018, xammet riha qawwija ta' exhaust u ghamlet rapport. Sostniet li kien hemm okkazzjonijiet fejn kien hemm irwejjah ta' zebgha, ta' welding u anke ta' zjut, li jkunu gejjin mill-garaxx ta' Bonavia. Sostniet li l-*cameras* gew installati minnhom fl-2017, ghall-protezzjoni taghhom, u sabiex ikollhom provi ta' dak li qed jigri. Spjegat li ghandha *camera* go xaft u *camera* ohra quddiem il-bieb ta' barra, u ohra quddiem il-parapett taghha. Sostniet li l-bieb fix-xaft kien jaghmel sens, meta l-garaxx kien jifforma parti mid-dar kollha, u mhux illum-il gurnata.

Sostniet li f'okkazjoni minnhom, gew ufficjali tal-MEPA u Pulizija tar-RIU, peress li hasbu li l-garaxx kien proprjetà taghha, u dana peress li kienu ser jaqgthu d-dawl minhabba li kien qed jaghmel xogholijiet gol-garaxx. Sostniet li llum-il gurnata, id-dawl rega' nghata, izda bil-kundizzjoni li t-trakk ma jigix imdahhal gol-garaxx. Sostniet li l-propjretà taghha biss tmiss mal-garaxx ta' Bonavia.

In kontroezami, hija spjegat li meta ghamlet ir-rapport fit-18 ta' Mejju 2018, hija rat il-*cameras*, u ghalhekk osservat tramite l-filmat, li kwarta qabel, kien inhareg it-trakk. Sostniet li l-*camera* fix-xaft thares lejn il-katusi u d-drenagg tal-propjretà taghhom. Sostniet li hija ghandha zewg twieqi, u jistghu facilment jidhlu go darha. Sostniet li l-proprjetà taghha, ghandha tieqa taghti ghax-xaft, mentri Bonavia ghandu bieb li bih jaccedi ghal gox-xaft. Sostniet li kien hemm kazijiet fejn kien hemm affarijiet misterjuzi li graw f'darha, u ghalhekk kellha biza' ragjonevoli li Victor Bonavia jidhol gol-proprjetà taghhom minn dan ix-xaft.

**Mark Stagno** xehed li huwa jghix f'244, Triq il-Forga, Naxxar. Spjega li Victor Bonavia jdahhal it-trakk gol-garaxx ta' mad-dar. Spjega li l-ilment tieghu u ta' Gobey huwa, li Bonavia qed jaghmel hafna rwejjah u storbju. Spjega li kull darba li jidhlu d-dar, ikun hemm riha ta' *grinding* qawwija. Spjega li l-irwejjah jkunu gol-kcina u gol-kamra tas-sodda tat-tifla, ghax dawn imissu max-xaft u x-xaft imiss mal-garaxx. Spjega li jisimghu daqqiet ta' mazez, ta' griding, ecc. Spjega li l-aghar fix-xitwa meta Bonavia ma jkunx qed jahdem u jkun qed jaghmel manutenzjoni fuq it-trakkijiet fil-garaxx. Spjega li Bonavia jaghmel dawn ix-xogholijiet kuljum. Fit-28 ta' Novembru 2017, spjega li Bonavia ghamel gurnata jahdem gol-garaxx. L-istess gara fl-20 ta' Novembru 2017, u fit-30 ta' Novembru 2017. Spjega li magenb id-dar tieghu, hemm plot vojta, u wara d-dar taghhom, jghixu nies ohra. Ikkonferma li gewwa l-garaxx bin-numru 246 u 248, isir xoghol industrijali go fihom. Spjega li Bonavia jkun jahdem gol-garaxx bin-numru 246. Spjega li hemm garaxx bin-numru 248, li wkoll isir xoghol go fih.

In kontroezami, huwa spjega li huwa gieli ra lil Bonavia jahdem. Spjega li huwa rah diehel gol-garaxx, u mbaghad semghu jaghmel l-istorbju. Spjega li d-durata li fihom ikun hemm dawn il-hsejjes, tvarja. Spjega li huwa ghamel diversi rapporti mal-Pulizija u anke mal-MEPA. Spjega li darba gie Case Officer tal-MEPA, u kienu qabduh qed jiccippja t-trakk taht il-gallarija, u kienu ordnawlu biex ikompli x-xogholijiet gol-garaxx. Cahad li huwa gieli rraporta lil Bonavia li qed jaghmel dawn il-hsejjes, meta Bonavia lanqas biss kien qieghed Malta.

In riezami, huwa kkonferma li l-garaxx bin-numru 248, huwa proprjetà ta' missier Victor Bonavia. Spjega li Bonavia jkun diehel u hiereg minn go garaxx ghall-iehor.

**Victor Bonavia** xehed li huwa jipparkja t-trakkijiet. Huwa johrog ghax-xoghol u gieli jkollu xi haga zghira jirrangaha fih. Spjega li meta jdahhal it-trakk, lanqas ikollu fejn jimxi. Spjega li t-trakk meta jinxteghel, ikun irid itella' l-arja. Spjega li dan idum madwar tliet jew erba' minuti. Spjega li jekk ma jtellax l-arja, ma jkunx jista' jimxi. Spjega li huwa johrog bih ghas-sebgha u nofs ta' filghodu. Dwar il-filmati ezebiti, huwa qal li f'parti minnhom, jinstema' t-trakk li gie startjat, u mbaghad, jinghalaq il-bieb. Spjega li f'parti minnhom, jinstema' hin twil grinder, izda dak iz-zmien, kien hemm tal-madum iwahhal il-blokka ta' erba' appartamenti. Spjega li huwa kien avza lil dan il-haddiem biex joqghod attent fi xhin jahdem, minhabba l-girien.

Spjega li meta sar rapport dwar id-29 ta' Novembru 2017, huwa kien mar l-Ghassa u gabilhom il-permess li nghata minghand il-Kunsill Lokali, biex jahdem bi *crane*. Spjega li huwa *Delivery Man* bit-trakk. Sostna li jekk joqghod gol-garaxx jahdem, huwa ma jkollux dhul. Sostna wkoll li ma jkunx hemm konsum ta' elettriku ghax huwa ma jahdimx gol-garaxx. Sostna li huwa ma ghadux jipparkja l-bowser go dan il-garaxx, mill-15 ta' April 2018, peress li l-MEPA harget avviz ta' infurzar.

In kontroezami, huwa nsista li Gobey u Stagno ghamlu varji rapporti. Huwa kkonferma li huwa proprjetarju ta' blokka appartamenti magenb id-dar ta' Gobey u Stagno. Sostna li l-haddiema tal-madum kienu qed jahdmu meta sar dan ir-rapport. Huwa cahad li hadem bi grinder gol-garaxx.

Victor Bonavia xehed dwar il-kwerela li ghamel hu, fejn spjega li Gobey u Stagno ghamlu xi *cameras* fuq proprjetà bl-indirizz, 246 u 248, fi Triq il-Forga, Naxxar, Malta. Spjega li ghamlu *cameras* bil-*microphone* biex joqghodu ghassa tieghu. Spjega li *camera* minnhom taghti ghal fuq il-bieb tieghu. Ikkonferma li Gobey u Stagno joqghodu fuq il-garaxx. Spjega li hemm *camera* fuq il-bieb ta' wara tal-bieb

tieghu tal-bitha, li jaghti ghax-xaft. Kompla jghid li 'AS1' huwa ritratt li hadu huwa stess, fejn jidher li l-*camera* giet imwahhla ezatt fuq it-tieqa tieghu u l-bieb ta' xaft tal-garaxx. Spjega li x-xaft huwa indiviz bejniethom. Qal li minhabba l-*cameras*, Gobey u Stagno joqghodu jcemplu l-Ghassa.

Huwa xehed li l-*cameras* li ghamlu Gobey u Stagno, qed juru l-bieb tieghu u t-tieqa tal-garaxx. Spjega li dawn jirrekordjaw l-audio u l-vizwal. Sostna li sa anke qed jaghmlu rapporti foloz dwaru. Spjega li anke mal-MEPA, ghamlulu rapporti. Huwa tkellem mal-girien u ffirmawlu petizzjoni. Insista li huwa kemm idahhal it-trakk fil-garaxx. Spjega li huwa ma jahdimx fil-garaxx, u ma jdejjaq lil hadd.

Victor Bonavia gie muri ritratti ezebiti bhala Dok SG1, u gharaf ix-xaft tal-garaxx li hemm komuni bejnu u bejn Gobey u Stagno. Ikkonferma li Gobey u Stagno ghandhom twieqi li qeghdin b' tali mod, li mill-garaxx, wiehed jista' jaccedi ghal dawn it-twieqi. Ikkonferma li Dok 'SG2' u Dok 'SG4' juru l-bieb tal-proprjetà ta' Stagno u Gobey. Spjega li f' Dok 'SG4', jidher il-bieb tieghu miftuh. Dok 'SG3' jidher l-parapett ta' Gobey u Stagno u l-proprjetà tieghu. Ikkonferma li Dok 'SG4' gie mehud mill-faccata. 'SG1', 'SG2' u 'SG3' juru l-parti li qed jigbdu l-*cameras*, liema *cameras* qed idejjquh. Sostna li huwa jaf li Gobey u Stagno ghamlulu hafna rapporti mal-Pulizija u mal-MEPA, ghaliex il-Pulizija jinfurmawh, u tal-MEPA juruh ir-rapport. Spjega li mill-MEPA, huwa gie mwaqqaf li jdahhal vettura kummercjali gol-garaxx. Spjega li l-garaxx huwa go zona mhux kummercjali. Ikkonferma li l-MEPA hargulu avviz ta' infurzar biex ma jdahhalx il-vettura kummercjali gol-garaxx, u mhux ghaliex qed jikkawza l-istorbju. Insista li huwa gol-garaxx, qatt ma hadem.

Huwa kkonferma li gabar ammont ta' firem ghall-petizzjoni li ghamel. Sostna li dawn huma nies li jghixu fl-inhawi. Sostna li hemm min iffirma, u ghandu proprjetà tmiss dahar ma' dahar ma' dan il-garaxx. Sostna li hemm plot vojt, li fih tliet qasab. Insista li t-triq kollha ffirmawlu. Sostna li Gobey u Stagno lmentaw fuq zewg garaxxijiet. Ikkonferma li garaxx minnhom, ma' jmiss mal-ebda proprjetà, hlief mal-proprjetà ta' Gobey u Stagno. Sostna li l-garaxx l-iehor imiss mal-proprjetà ta' Gobey u Stagno mill-genb. Baqa' jsostni li l-ilmenti li saru dwar l-istorbju, jirrigwardaw iz-zewg garaxxijiet.

**Paul Bonavia** xehed li huwa proprjetarju tal-garaxx, 246, Triq il-Forga, Naxxar. Spjega li dan il-garaxx, gie ghandu b'wirt ta' Grezzju Vella.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqies li din tirrigwarda r-reat tal-fastidju, kif mahsub fl-Artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.

Dan l-artikolu huwa mehud kwazi kelma b'kelma mil-Ligi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att, l-Archbold jghid dan li gej:

> *'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*
>
> *Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon." (App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012)*

Referenza ghandha ssir ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell, fil-kawza deciza fid-29 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spet. Elton Taliana) vs Denise Falzon:

*"Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. ....*

*Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. (Il-Pulizija vs Massimo Tivisini)*

*Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:*

*'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

*...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero' li jittieħed qies talfattispeċi kollha tal-każ*

*u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*

*Illi f'kaz konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet:*

*"L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."*

*Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura lkwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju." (Il-Pulizija vs Raymond Spiteri App. Inf. 26/05/2016).*

Din il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, jirrizulta li l-ilment ta' Gobey u Stagno, huwa fis-sens li fil-garaxx li jinsab taht id-dar ta' residenza taghhom, qed isiru xogholijiet li jikkagunaw hsejjes, bil-konsegwenza li qed joholqu inkonvenjent ghalihom. Ilmentaw ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-bowzer tal-ilma li jiddahhal f'dan il-garaxx, jithalla mqabbad ghal certu hin, bil-konsegwenza li r-riha tal-exhaust, tkun tinxtamm fil-proprjetà taghhom.

Gew ezebiti filmati mill-istess kwerelanti. Min-naha l-ohra, l-imputat insista li huwa ma jaghmilx xogholijiet f'dan il-garaxx, u li dawk il-hsejjes li jinstemghu fil-filmati, kienu saru minn haddiema ohra, li kienu qed jahdmu fil-partijiet komuni ta' blokka appartamenti, sitwata fl-istess inhawi. Mill-banda l-ohra, il-kwerelanti xehdu li huma gieli raw lill-imputat diehel fil-garaxx, u mbaghad, bdew jisimghu l-hsejjes li jiggenera. Madanakollu, l-istess kwerelanti ma ndikawx hinijiet precizi dwar meta kienu qed isiru dawn l-allegati hsejjes. Lanqas ma hemm indikat fl-imputazzjoni, xi hin partikolari.

Il-Qorti qieset ukoll li l-imputat spjega x'inhu x-xoghol tieghu, fejn prattikament spjega li huwa jaqla' l-ghixien tieghu billi jkun idur barra bil-bowzer tal-ilma. Ma rrizultax li l-imputat ghandu xi xoghol li jirrikjedi li jsiru xogholijiet go garaxx, bhal per ezempju, ma' jirrikjedi xoghol ta' sprayer, jew ta' panel beater jew ta' mastrudaxxa jew haddied. Gie muri wkoll mid-difiza, li f'dan il-garaxx, meta jkun hemm il-bowzer in kwistjoni pparkjat, ftit li xejn ikun hemm spazju fejn wiehed

jiccaqlaq, u ghalhekk, dak li jista' jsir, huwa verament limitat. Gew pprezentati wkoll, kontijiet tal-konsum tad-dawl u tal-ilma, li jindikaw konsum verament minimu, ta' dawl u ilma minn dan il-garaxx, utilizzat mill-imputat. Giet ukoll ipprezentata petizzjoni ffirmata minn persuni fl-inhawi, fejn hemm iddikjarat li l-imputat ma qed jikkawza l-ebda inkonvenjent u/jew storbju.

Il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat gab ruhu b'mod li ta fastidju, jew b'mod li kien jaf ,jew li missu jkun jaf, li dak li kien qed jaghmel, kien ta' fastidju ghal kwerleanti. Ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien l-imputat li dejjem kien qed jaghmel dawn il-hsejjes, jew jikkaguna dawn l-irwejjah f'kull okkazzjoni, kif ukoll lanqas ma gie ppruvat li dawn il-hsejjes, jew dawn l-irwejjah, kienu qed jigu kkawzati f'hinijiet li fihom ir-regoli tal-buon vicinat jezigu, li ma jsirux tali hsejjes. In aggunta, din il-Qorti tqies li ma hemm l-ebda prova fl-atti, li tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-imputat kellu xi intenzjoni, li bl-agir tieghu, idejjaq jew jivvessa lill-parte-civile. Dan kollu jfisser illi fic-cirkostanzi, ir-reat ravvizat fl-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, ma jsibx applikazzjoni, u allura din il-Qorti tqies li din it-tieni imputazzjoni, ma gietx ippruvata.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija versus Maria Concetta Green, deciza fid-19 ta' Novembru 1999; Volum LXXXIII.iv.441, fejn intqal:-

> *"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*
>
> *L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."*

F' Il-Pulizija vs. Noel Tanti, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju 2005, intqal:

> *Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995] irreat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil- "common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace." Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994], imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace", tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli, li proprju f'kawza deciza minnu, fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet : "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk:-

> *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil, gew citati, b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon, li fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu:-

> *"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192)*

Dik il-Qorti ziedet tghid li:-

> *"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*
>
> *"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41- 01).*

U aktar 'il quddiem, l-istess awtur jghid :-

> *"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04)."*

Il-Qorti tqies li f'dan il-kaz, ma kienx hemm rapportat li qam xi diverbju *"a voce alta"* bejn l-imputat, Sharon Gobey u Mark Stagno, li seta' gibed l-attenzjoni tan-nies, jew li seta' holoq certa apprensjoni fost dawk li kienu vicin. Din il-Qorti thoss li din il-kontravenzjoni, ma gietx sufficjentement ippruvata.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din il-Qorti ssib li minn dak li gie mistqarr mill-parte-civile, jirrizulta li l-hsejjes li gew iggenerati, jirrizulta li hawnhekk si tratta ta' hsejjes ta' irrejzjar ta' trakk/bowzer, welding, grinding u hsejjes ohra, allegatament relatati ma' xogholijiet. Ma jirrizultax lanqas li dawn il-hsejjes kienu jsiru fil-hinijiet ta' bil-lejl. Issa l-Prosekuzzjoni ghazlet li taddebita lill-imputat bir-reat, li skont ma hemm imsemmi fil-komparixxi, jirrizulta li huwa msejjes fuq l-Artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola li hadd ma jista' (a) fi triq, f'hanut, jew f'post pubbliku iehor; jew (b) f'kull bini iehor, billi jhaddem jew igieghel jew ihalli lil min ihaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn, jaghmel inkella jgieghel jew ihalli li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqoghdu f'bini fil-qrib. Fl-Artikolu 41(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, il-legislatur jibda biex jippenalizza sitwazzjonijiet ta' hsejjes generati minn strumenti muzikali, jew strumenti ohra li jaghmlu hoss, jew sahansitra ghana jew ghajjat iehor marbut ma'

xi attivita' ta' bejgh fit-toroq. L-istess Artikolu jkompli fis-sub inciz numru 2 fuq l-istess livell ta' hsieb u fattispecje, billi jipprojbixxi f'hanut, fi triq jew f'post pubbliku iehor, jew f'kull bini iehor, it-thaddim ta' loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn, billi jaghmel jew igieghel illi jaghmel jew ihalli li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib.

Il-Qorti ssibha difficli biex, bil-fatti ppruvati f'dan il-kaz, tasal li tikkonkludi li l-imputat kien qieghed juza xi wiehed minn dawn l-istrumenti jew makkinarji imsemmija fl-Artikolu 41(2), jew li sahansitra, tinterpreta dan l-Artikolu u s-subinciz li jinkludi wkoll fil-qafas ta' dawk l-istrumenti hemmhekk imsemmija, l-irrejzjar ta' bowzer, thaddim ta' grinder u/jew ta' welder jew hsejjes ta' magni. Evidentement bir-regola tal-*eiusdem generis,* din il-Qorti ma tistax tasal li twessa' l-interpretazzjoni ta' din il-Ligi ghal dak li qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni u l-parte civile f'dan il-kaz, minghajr ma tispicca biex tiznatura t-tifsira naturali u logika tal-istess Artikolu 41 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti qed timxi fuq il-principji li gew elenkati fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Philip Bezzina, deciza fil-11 ta' Dicembru 2015.

In oltre, il-Qorti tqies li l-imputat lanqas jista' jinstab hati taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress li l-Prosekuzzjoni u parte civile ma resqux provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat kien qieghed jezegwixxi attività kummercjali mill-garaxx de quo. In fatti, id-difiza ressqet provi li Bonavia kien idahhal il-bowzer go dan il-garaxx, u meta huwa jkollu l-bowzer gewwa l-garaxx, ma jkunx hemm wisa' fejn persuna ticcaqlaq, bil-konsegwenza li huwa impossibbli li jsiru xogholijiet gol-garaxx. Tressqu wkoll provi, li hemm konsum baxx hafna tal-ilma u tad-dawl, li skont Bonavia, ikompli jindika li huwa ma jaghmilx xogholijiet f'dan il-garaxx. Din il-Qorti ma tqisx ghalhekk, li tressqu provi li l-imputat kien qed jaghmel xi xogholijiet kummercjali jew attività kummercjali, f'dan il-garaxx. Ghalhekk, l-imputat ma jistax jigi misjub hati taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 10(1), 17, 18(1) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti numri 13, 53, Taqsima II tal-Ewwel Skeda 50.2 u l-02 tat-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1 tal-2006.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, gialadarba l-imputat sejjer jigi liberat mit-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni, lanqas ma jista' jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.

**Decide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu, u qed tilliberah minn kull kundanna u ħtija.**

**Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.**

**Janet Calleja**

**Deputat Registratur**